**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Marzu, 2017**

Kawza Numru: 268/2016JB

Numru: 37

**Go plc (C22334)**

***vs***

**James Reginald (K.I.: 23890M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-20 ta' Lulju 2016 fejn is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' seba' mija u erbatax-il euro u tlieta u tletin centezmu (€714.33) rapprezentanti provvista ta' servizzi ta' telekomunikazzjoni. Talbet ukoll l-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali numru 997/15 (a fol 5) u l-imghax;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tad-19 ta' Settembru 2016 (a fol 7);

Ra li l-Konvenut deher minn jeddu ghas-smigh ghas-seduta tal-lum fejn ta ruhu b'notifikat;

Ra n-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta attrici prezentata llum stess fejn din irriduciet it-talba taghha ghas-somma ta' sitt mija u erbgha u sittin euro u tlieta u tletin centezmu (€664.33);

Ra li fis-seduta tal-lum il-partijiet qablu li fil-kaz odjern tigi registrata ammissjoni u l-ammont pretiz jithallas b'rati mensili ta' hamsin euro (€50) bl-ewwel pagament ikun fl-ahhar jum ta' Marzu, 2017 u kemm-il darba l-Konvenut izomm ma' dak miftiehem m'ghandhomx jiddekorru imghaxijiet;

Sema' l-ammissjoni tal-Konvenut a bazi ta' dak miftiehem;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidra;

Illi hu car li fil-kawza odjerna, it-Tribunal ghandu jiddeciedi din il-kawza a bazi tal-intendiment ta’ bejn il-partijiet;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lis-Socjeta Attrici s-somma ta’ €664.33 bl-imghax mil-lum, b’dan li kemm-il darba l-Konvenut jaghmel pagamenti mensili fl-ahhar jum ta’ kull xahar ta’ mhux anqas minn €50, bl-ewwel pagament isir fl-ahhar jum ta’ Marzu 2017, mghandu jiddekorri l-ebda imghax u din is-sentenza mghandhiex tigi esegwita.  In vista tac-cirkostanzi tal-kaz, l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*